## Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Peter Pisani.

Seduta tal-lum 30 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Peter Pisani, 43 sena, bin John u Carmen nee Muscat, residenti 'Our Paradise', Triq Duru, Nadur, Ghawdex, kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Billi inti akkuzat talli f'Ghawdex f'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda qabel 28/3/1990 u bejn il-19/10/1991 bhala propretarju tal-fond 'Our Paradise', Triq Duru, Nadur, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellu uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkomettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal-Lm86.45, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artiklu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-art 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza kienu is-segwenti:

**Provi Prosekuzzjoni**:

L-ewwel prova mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien il-process verbal stante li l-istess kaz kien soggett ta' inkjesta. F'din l-inkjesta kien nominat espert tekniku William Cassar Torregiani u li kien pprezenta r-relazzjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti li tinsab a fol 30 tal-process verbal. Wara li sema ix-xhieda u ha in konsiderazzjoni il-'load' tal-kurrent elettriku fil-fond in kwistjoni, l-espert tekniku kien ikkonkluda bil-mod segwenti:

1. Illi fid-19 ta' Ottubru 1991 waqt li kien qieghed isir 'surprise inspection' mill-impjegati tal-korporazzjoni Enemalta fil-fond Our Paradise, Duru Street, Nadur, Ghawdex, registrat fuq Peter Pisani rrizulta li s-sigill tal-plastic ahmar numru 014033 tan-naha ta' fuq kien maqtugh u kellu sinjali ta' attentat ta' tiswija.
2. Illi gewwa l-meter instabu bicca kartuna, bictejn negattiva u d-disk kien mibruz minn naha ta' fuq.
3. Illi saret hsara stmata Lm4.
4. Illi kemm mas-sigill kif ukoll fuq il-cover u l-vit kien hemm carcir ta' kolla (superglue).
5. Illi l-meter kien qieghed jirregistra l-konsum regolari.

Is-Sur Cassar Toreggiani rega' xehed ukoll f'dawn il-proceduri u rega ikkonferma ir-relazzjoni teighu bil-gurament biex hekk tkun osservata l-ligi li tipprovdi li l-espert ghandu jikkonferma ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, sussegwentement quddiem il-Qorti li tkun qed tikkonduci il-kumpilazzjoni u f'kaz li l-imputat ma jaghtix il-kunses tieghu ghal procedura sommarja, allura quddiem il-Qorti li tikkonduci il-kawza bil-gurati. In kontro-ezami l-espert xehed illi s-sigill u l-introduzzjoni tat-tertuqa setghu saru snin qabel kif ukoll li ma jiftakarx jekk kienx ra s-sigill l-qodma u cioe dawk li kien hemm x'hin marru l-ewwel darba l-impjegati tal-Enemalta.

Alfred Debono u Andrew Bonavia bhala impjegati tal-korporazzjoni Enemalta xehdu kif skoprew is-sigill maqtugh u ghalhekk kellhom jaghmlu rapport lil-Pulizija.

L-meter de quo kien debitament elevat u prezervat mill-espert tekniku liema meter kien ukoll fotografat mill-espert Carmel Scerri.

Is-Sur Silvio Decelis, Administrative Office tal-korporazzjoni Enemalta xehed u ipprezenta record of consumption u breakdown of estimates biex juri kif kien ikun il-konsum normalment kif ukoll waqt il-perjodu tal-allegat serq. Huwa hadem il-kalkoli

tieghu fuq readings precedenti u cioe kif kien qed jaqra l-meter qabel irrizulta 'drop' fil-konsum  Dawn kienu bejn Lulju 1989 u Frar 1990 izda fl-1988 ma jirrizultaq li dan il-meter kien inqara u fil-fatt irrizultalu li l-meter reader ma kien qed isib lil hadd fuq il-post.

Provi Difiza:

L-imputat xehed illi huwa xtara l-fond minghand Paul Debono ghaxar snin ilu u ghall-ewwel sentejn il-post kien battal u beda jghix fih sentejn wara fl-1991.  L-meter tad-dawl kien stallat fuq talba tal-aventi kawza tieghu.  Dan l-ahhar fatt jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Mario Pavia, impjegat tal-EneMalta.

Ikkunsidrat illi fi kwistjonijiet ta' din in-natura tezisti prezunzjoni tal-ligi kontra kull il-konsumatur registrat.  F'dan il-kaz il-meter kien twahhal fuq talba tal-aventi kawza tal-imputat li kien qed jibni l-fond f'dak il-perjodu.  Meta l-imputat xtara il-fond, huwa kien registrat bhala l-konsumatur l-gdid u dam sentejn qabel ma beda joqghod fil-fond.  Il-Qorti hi konvinta minn dak li semghet illi l-imputat ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-ksur ta' sigilli u serq ta' kurrent elettriku.  L-ammont stess huwa indikattiv tal-fatt illi jekk kien sar xi serq, dan ma sarx fil-perjodu li ilu jghix fil-fond l-imputat. L-espert tekniku ikkonferma illi l-ksur tas-sigilli seta sar snin ilu u l-Qorit ghalhekk ma tarax ghaliex l-imputat ghandu jirrikorri ghal dawn il-mezzi sabiex tul dan iz-zmien kollu jaghmel gwadann ta' Lm86.  L-Qorti tghazel illi temmen lill-imputat li rrennexxielu jgheleb il-prezunzjoni li tezisti kontra tieghu.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur